**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 441/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Joanne Fenech**
**(ID 625381(M))**

**Illum, 27 ta' Settembru 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Joanne Fenech** ta' 30 sena, bint Carmel, mejjet u Victoria nee` Galea, imwielda il-Pieta`, nhar l-14 ta' Novembru 1981, residenti 75, Triq San Lazzru, Bormla, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 625381(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-21 ta` Ottubru 2010, kif ukoll fil-ġimgħat ta' qabel:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenza mill-President ta' Malta u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-

Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenza jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenza li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Akkużata wkoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala persuna li mhux impjegata fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħlet jew ppruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' Ħabs xi oġġett li hu pprojbit skond xi regolamenti magħmula skond dan l-Att, jew ġarret jew ipprova jġorr xi oġġett bħal dawk barra mill-ħabs u dan bi ksur tal-Arikolu 7(1) tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda:

1. **L-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Theuma** jgħid illi fil-21 ta' Ottubru 2010, ċertu Josef Tyler Zammit kien ġie mwaqqaf ġewwa l-*Forensic Unit*, l-Isptar Monte Carmeli, meta hemmhekk ħa basket li fih instab *sachet* żgħir kontenenti sustanza suspettata droga eroina moħbi ġewwa bott tax-*shampoo* li kien fl-istess basket, flimkien ma' affarijiet oħrajn personali, liema oġġetti kienu ntiżi għal Darren Borg, li dak iż-żmien kien qiegħed jiskonta piena ġewwa l-istess *Unit*. Skont ix-xhud, Zammit ikkopera mal-Pulizija minnufih u stqarr illi ma kienx jaf illi fil-flixkun tax-*shampoo* kien hemm xi sustanza llegali, kif ukoll illi l-basket bl-oġġetti in kwistjoni, kienet tatulu ċertu Joanne Fenech ossia l-imputata odjerna. Irriżulta mill-investigazzjonijiet illi dak iż-żmien, l-imputata kienet f'relazzjoni ma' Sandro Degabriele, li kien qiegħed jiskonta piena

ġewwa l-*Forensic Unit* u illi għal raġunijiet ta' dixxiplina, Degabriele ma setax jirċievi viżiti fiż-żmien in kwistjoni. Skont ix-xhud, Borg u Degabriele kienu ħbieb. Jgħid ukoll illi l-persuni kollha msemmija ġew investigati u Josef Tyler Zammit ħalef l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Da parti tagħhom, kemm Sandro Degabriele kif ukoll Darren Borg ċaħdu xi nvolviment jew illi kienu jafu bl-involviment tal-imputata.[1]

2. **PS 3 Kevin Grima** xehed illi fil-21 ta' Ottubru 2010 għall-ħabta ta' nofsinhar ġie rrapurtat lilu ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara minn PC 1559, illi fil-*Forensic Unit*, fl-Isptar Monte Carmeli, kienu nstabu xi oġġetti suspettati droga fuq persuna li kien marret sabiex tagħti xi affarijiet lil persuna oħra detenuta fl-istess sala. Għalhekk ix-xhud mar ġewwa l-*Forensic Unit* fejn tkellem ma' CO 38 Godwin Sciberras, li qallu illi dakinhar għall-ħabta ta' 11.45 a.m., kien mar ġuvni b'xi affarijiet intiżi għal Darren Borg u illi waqt spezzjoni tal-istess affarijiet, fil-presenza tal-istess ġuvni, huwa sab sustanza mgeżwra ġo biċċa plastik f'*shower gel* tad-ditta *Malizia Uomo*. Skont Sciberras huwa ferra l-kontenut tal-flixkun f'tazza u minnu waqgħet bħal biċċa plastik li fiha dehret xi sustanza. Ix-xhud jgħid ukoll illi fis-sala, huwa kellem lil Zammit li qallu illi dak in-nhar stess, filgħodu, ħabiba tiegħu jisimha Joanne minn Bormla, li kienet għarusa lil Sandro Degabriele, li dak iż-żmien ukoll kien detenut ġewwa s-Sala Forensika fl-istess sptar, qaltlu li riedet tieħu xi affarijiet lil ċertu Darren Borg. Għalhekk, għall-ħabta tal-11.30 a.m., Zammit wassal lil Joanne ġewwa l-Isptar Monte Carmeli bil-vettura ta' ommu u fil-waqt illi din baqgħet tistenna fil-vettura, huwa daħal ġewwa bl-affarijiet indirizzati lil Borg. Zammit wieġeb illi ma kien jaf xejn dwar is-sustanza misjuba fix-*shower gel*.[2]

3. **L-Ispettur Bernard Spiteri** xehed illi fil-21 ta' Ottubru 2010 ġie arrestat Josef Tyler Zammit, li rrilaxxja stqarrija dakinhar stess. Jgħid ukoll illi fl-istess jum ġiet arrestata l-imputata odjerna, li rrilaxxjat żewġ stqarrijiet - waħda fil-21 ta' Ottubru 2010 u oħra l-għada.[3] Jgħid in oltre illi in segwitu għall-verżjoni mogħtija minn Fenech, issejjħet ġewwa l-għassa tan-Naxxar omm Darren Borg, li ċaħdet li għaddiet xi basket lill-imputata. Skont ix-xhud fil-basket kien hemm affarijiet personali bħal ħwejjeġ.[4]

4. **Ix-Xjenzat Godwin Sammut** maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ, sabiex janalizza s-sustanza in

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 10 sa 13 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 14 sa 19 tal-proċess.
[3] Dawn jinsabu esebiti bħala Dok. BS u BS 1 rispettivament, a fol. 25 sa 27 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 21 sa 23 tal-proċess.

kwistjoni, ikkonferma r-relazzjoni minnu ppreżentata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, liema relazzjoni tifforma parti mill-proċess verbal esebit in atti.[5] Mill-istess relazzjoni, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella li fih kien hemm i) flixkun tal-plastik ta' lewn iswed bil-kliem *Malizia Uomo*; ii) sustanza ta' lewn kannella u l-biċċa tal-plastik; u iii) l-biċċa minn ingwanta li kien fiha s-sustanza ta' lewn kannella.

Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda s-segwenti:

Illi fl-estratti meħuda mis-sustanza ta' lewn kannella fl-imsemmi dokument, instabet is-sustanza <u>*Eroina*</u>. Il-piż tat-trab kien ta' <u>0.48 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka <u>28%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-espert xehed illi doża tipika ta' eroina hija normalment dik ta' 0.2 grammi u illi l-purita` tas-sustanza in kwistjoni kienet normali.

5. **Josef Tyler Zammit** irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fil-21 ta' Ottubru 2010, ftit tal-ħin biss wara li ġie arrestat.[6] Għal dak illi huwa relevanti għall-fini tal-proċeduri odjerni, Zammit stqarr illi huwa m'għandux ħbieb għaliex aktar ikun id-dar ħdejn ommu, iżda ġieli kien imur ħdejn Joanne minn Bormla. Jgħid illi jmur id-dar tagħha, fejn hi tgħix ma' persuna oħra, li ġieli jwassalha bil-karozza ta' ommu sabiex tagħmel xi qadja, u ta' dan Joanne qaltlu li kif tirċievi ċ-ċekk, kienet ser tagħtih għaxar ewro (€10). Jgħid ukoll illi huwa jmur ta' sikwit għand Joanne u li mar għandha dakinhar stess filgħodu, wara li mid-9:30 a.m., hija kienet bdiet tibgħatlu l-messaġġi u titolbu sabiex imur għaliha d-dar sabiex imur jagħti l-ħwejjeġ lil Darren Borg, li skont hu kien jinsab ġewwa l-*Forensic Unit* fl-Isptar Monte Carmeli. Flimkien ma' Borg, kien hemm ukoll Sandro Degabriele u ċioe` l-għarus ta' Joanne. Jgħid illi huwa mar għal Joanne, waqaf quddiem ir-residenza tagħha, paqpaq u din ħarġet mid-dar b'basket kbir mimli bil-ħwejjeġ, bott *shampoo* u żewġ boroż gallettini. Dan seħħ għall-ħabta tal-11:00am. Hekk kif waslu l-Isptar Monte Carmeli, Joanne qalet lil Zammit biex jekk jiġi mistoqsi xi ħaġa, jgħid illi kien il-kuġin ta' Borg (li fil-fatt ma kienx). Spjega illi huwa jaħseb li Joanne qaltlu jgħid hekk sabiex ma jidhirx ikrah l-għarus tagħha u ċioe` Sandro Degabriele. Meta staqsa lil Joanne għaliex ma tidħolx bl-affarijiet hi, din wieġbet li dan kien minħabba l-għarusa ta' Borg. Skont hu, Joanne baqgħet tistennih barra, fil-karozza, fis-*seat* tal-passiġġier, fil-waqt illi huwa daħal bl-

[5] Ara l-proċess verbal esebit a fol. 32 tal-proċess, ir-relazzjoni esebita a fol. 39 sa 44 tal-proċess u x-xhieda tal-istess espert a fol. 60 sa 62 tal-proċess.
[6] Ara din l-istqarrija a fol. 72 u 73 tal-proċess, liema stqarrija jidher li mhijiex kompluta. Biss l-istqarrija sħiħa tirriżulta mix-xhieda tal-istess Zammit quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, a fol. 76 sa 87 tal-proċess.

affarijiet l-isptar. Hemmhekk, gwardjan tal-ħabs fetaħ il-basket u beda jiċċekkja l-kontenut, u hekk kif fetaħ il-flixkun tax-*shampoo,* dan innota xi ħaġa, fi kliemu tifflowtja, li rriżulta li kienet borża żgħira b'forma ta' għoqda. Dak il-ħin huwa ġie mistoqsi x'kienet dik il-borża, iżda hu wieġeb illi ma kienx jaf. Jgħid ukoll illi la kien jaf lil Borg u lanqas lil Degabriele u illi ma jafx x'kien it-trab li nstab fil-bott jew x'kien hemm fil-basket. Lanqas ma kien jaf minn fejn Joanne kienet ġabet l-affarijiet ġewwa l-basket, iżda hu raha ħierġa bil-basket mid-dar. Lil Joanne kien ilu jafha ftit żmien mhux ħażin, iżda kien ilu jagħmilha magħha madwar xahar. Huwa ġie muri ritratt li huwa kkonferma li juri lil Joanne Fenech ossia l-istess persuna li talbitu jagħmlilha pjaċir u jieħu l-basket bl-affarijiet lil ċertu Darren Borg. Zammit jgħid ukoll illi hu kien jabbuża mid-droga eroina, iżda kien ilu madwar xahar fuq il-*methadone*.

Zammit ħalef din l-istqarrija fit-22 ta' Ottubru 2010 quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u kkonfermaha fl-intier tagħha.

Huwa xehed ukoll fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Jgħid illi dakinhar tal-inċident kien qiegħed għand sieħbu, Victor Degabriele, li jiġi ħu Sandro Degabriele, l-għarus tal-imputata. Kien hemm Joanne, l-imputata li talbitu sabiex jagħmlilha pjaċir billi jdaħħal basket ġewwa l-*Forensic Unit* fuq isem Darren Borg, minflok fuq isem l-għarus tagħha, li dak iż-żmien kien qiegħed ġewwa l-*Forensic Unit* ukoll. Huwa aċċetta li jagħmel dan iżda ma kienx jaf x'kien hemm fil-basket. Lilu l-imputata qaltlu biss biex idaħħal il-basket fuq Borg minħabba t-tfajla tiegħu. Jgħid illi huwa ħa l-basket u kif daħal ġewwa l-*Forensic Unit* ġie nfurmat illi kienet ser issir tfittxija fil-basket, waqt liema tfittxija hekk kif il-gwardjan fetaħ il-bott tax-*shampoo*, innota xi ħaġa u talab lill-kollega tiegħu sabiex iġiblu tazza, ferra l-kontenut tal-bott ġo fiha u ħarġet nofs gramma eroina imgeżwra ġo saba ta' ngwanta. Zammit saħaq illi hu ma kienx jaf b'din id-droga. Jgħid illi huwa kien jaf lill-imputata tramite sieħbu, Victor Degabriele, li ħadilha l-basket bi pjaċir u ma kien ser jitħallas xejn ta' dan, li lil Darren Borg ma kienx jafu, lanqas minn wiċċu, li lill-imputata kien ilu jafha madwar tlieta jew erba' xhur u li kien jaf ukoll illi l-imputata kellha l-vizzju tad-droga eroina, bħal ma kellu hu. Dwar il-basket huwa jgħid illi l-imputata tatu l-basket lest u ma rahiex tippreparah, li qaltu biss li l-basket kien fih ftit xugamani, li talbitu jagħmlilha pjaċir meta kienu għadhom Bormla iżda għaddietlu l-basket meta kienu qegħdin barra l-isptar. Huwa reġa' kkonferma l-kontenut tal-istqarrija minnu maħlufa quddiem il-Maġistrat Inkwirenti għalkemm fl-istess waqt qal ukoll illi stante li dak iż-żmien kellu problema ta' droga, ma tantx kien jiftakar.[7]

[7] Ara din ix-xhieda a fol. 95 sa 109 tal-proċess.

Bħala xhieda tad-difiża, xehdu s-segwenti:

1. **Joanne Fenech**, l-imputata odjerna, xehdet illi hija kienet toqgħod Bormla flimkien mal-*partner* tagħha ta' dak iż-żmien, Sandro Degabriele u li magħhom kien jgħix ukoll ħuh, Victor Degabriele. Meta Sandro Degabriele daħal il-ħabs, hija talbet lil Victor imur jgħix band'oħra. Tikkonferma li fiż-żmien tal-każ odjern, Sandro kien jinsab ġewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Carmeli u tgħid illi huwa kien ċemplilha u talabha toħodlu xi affarijiet mid-dar. Fi kliemha, Degabriele "*kien dejjem ihalli basket halli jekk jinqala xi haga peress li kien dejjem jghaffeg, kien ikollu l-affarijiet lesti go fih*." Żiedet tgħid illi ma' dak il-basket Degabriele talabha żżidlu *jeans* u flokk u hi hekk għamlet. Tgħid ukoll illi għal xi raġuni li hija ma tafx x'kienet, Sandro kien prekluż milli jirċievi viżiti. Tyler kien ikun dejjem magħha minħabba l-ħbiberija tiegħu ma' Victor u anke ma' Sandro u kien iwassalha ħafna biex tagħmel il-qadi anke għal Sandro stess u għalhekk, hija bagħtet lil Tyler bl-affarijiet ta' Sandro. Dwar il-basket tgħid illi dan qabditu mid-dar, u tatu lil Zammit li daħal bih ġewwa l-isptar, fuq isem ħaddieħor, li ma tafx min kien. Lanqas lil Darren Borg ma kienet taf. Tgħid ukoll illi hi u Zammit marru l-isptar flimkien u Zammit daħal bil-basket, iżda mbagħad hija telqet għax rat li kien dam. Tgħid illi hi tat il-basket lil Zammit u ma tafx xi ftehim kien hemm ma' Degabriele jew ma' Borg. Skont hi, illum il-ġurnata temmet ir-relazzjoni tagħha ma' Degabriele u m'għandhiex kuntatt miegħu.

   In kontro-eżami, l-imputata tgħid illi kien Sandro Degabriele li qalilha biex tqabbad lil Zammit sabiex imur bil-basket tal-ħwejjeġ l-isptar u jdaħħlu fuq Borg. Tgħid ukoll illi hija qatt ma marret tara lil Degabriele ġewwa l-Isptar Monte Carmeli, għalkemm tgħid ukoll illi ma tiftakarx. Mistoqsija għalfejn ma daħlitx hi bil-basket, iżda bagħtet lil Zammit, hija tgħid illi "*forsi jafuni ma Sandro ... kienu jafuni li jien dejjem ma Sandro ghax il-habs kont immur narah ukoll ... Ha jindunaw li l-basket kien ghal Sandro u mhux ghal haddiehor. Jekk lill-iehor kienet tmur tarah it-tfajla*".[8] Ċaħdet illi kienet taf li kien hemm id-droga fil-basket u li kien għalhekk li bagħtet bih lil Zammit u ċaħdet ukoll illi wegħdet xi flus lil Zammit biex idaħħal il-basket, anke għaliex dak iż-żmien kienet nieqsa mill-flus. Tgħid ukoll illi dak iż-żmien kellha l-vizzju tal-eroina, iżda llum m'għadhiex fil-vizzju. B'referenza għall-basket in kwistjoni, hija tgħid illi dan kien lest b'xi ħwejjeġ fih u hi kemm żiedet miegħu l-biċċtejn ħwejjeġ li talabha Degabriele. Ma tiftakarx jekk kienx fih bott *shampoo*. Il-basket għaddietu lil Zammit meta kienu fil-karozza tiegħu. Tinnega wkoll illi l-basket kienet

[8] Ara a fol. 120 tal-proċess.

tatulha omm Degabriele u terġa’ tikkonferma illi l-basket kien qiegħed id-dar tagħha, fejn kienet tgħix flimkien ma’ Degabriele.[9]

6. **Dr Moses Camilleri** jgħid illi huwa ilu jsegwi lill-imputata ġewwa ċ-Ċentru tad-*Detox* Centre mis-sena 2000, fejn kienet u għadha tmur għall-kura tal-*methadhone* minħabba l-vizzju tad-droga eroina. Jgħid illi l-imputata għamlet progress kbir u għalkemm għadha tirċievi l-kura, minn Mejju 2016, testijiet tal-kampjuni tal-urina li ttieħdu lill-istess imputata rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti.[10]

7. **Sandro Degabriele** jibda x-xhieda tiegħu billi jgħid illi ma jiftakarx x’kien dan il-każ. Jgħid illi qabel daħal il-*Forensic Unit*, huwa kien jgħix Bormla flimkien mal-imputata. Dak iż-żmien kellu l-problema tad-droga eroina. Waqt li kien il-*Forensic Unit* kien iċempel lill-imputata jew lil ħaddieħor biex joħdulu l-affarijiet. Jgħid illi l-ħwejjeġ tiegħu kien iżommhom għalihom.

   In kontro-eżami huwa jgħid illi dak iż-żmien, l-imputata kienet it-tfajla tiegħu, u b’referenza għal Josef Tyler Zammit, jgħid illi bl-isem ma tantx jiftakar, għalkemm il-laqam tiegħu, il-Marozz, kien jafu stante li dan kien il-laqam ta’ familja minn Bormla. Ikkonferma illi jaf lil Darren Borg u li fiż-żmien in kwistjoni, kienu residenti flimkien ġewwa l-*Forensic Unit*. Mistoqsi jekk dakinhar kellhomx jeħdulu xi ħwejjeġ, huwa jikkonferma dan, iżda mistoqsi dwar min kellu jeħodhomlu u x’kien il-ftehim, huwa jgħid illi ma jiftakarx eżatt, għalkemm wara jgħid illi jaħseb li ċempel lil Joanne. Kien hemm drabi oħra, apparti dakinhar, meta ħadulu l-ħwejjeġ, iżda ma jiftakarx min kien jeħodhomlu. Seta’ kien iċempel lil xi ħbieb, li skont hu, kellhom aċċess għad-dar tiegħu, peress illi l-bieb tad-dar tiegħu dejjem kien ikun miftuħ, u ġieli ċempel lit-tfajla wkoll. B’referenza għall-jum in kwistjoni, ma jiftakarx lil min kien ċempel biex jeħodlu l-ħwejjeġ.[11]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif ingħad iżjed ‘il fuq, l-imputata rrilaxxjat żewġ stqarrijiet lill-Pulizija Eżekuttiva, waħda fil-21 ta’ Ottubru 2010 u oħra fit-22 ta’ Ottubru 2010, wara li ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorji tagħha, liema dritt hija għażlet li ma teżerċitahx. L-imputata ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt iż-żewġ interrogatorji, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt tali jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta’ Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

[9] Ara din ix-xhieda a fol. 114 sa 125 tal-proċess.
[10] Ara din ix-xhieda tal-14 ta’ Mejju 2018, a fol. 130 sa 133 tal-proċess.
[11] Ara din ix-xhieda a fol. 136 sa 144 tal-proċess.

Għalkemm id-difiża m'għamlet l-ebda aċċenn għal dan il-punt, jeħtieġ illi l-Qorti l-ewwel tikkunsidra l-valur probatorju ta' dawn l-istess stqarrijiet.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom

ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u iżjed riċentement fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Ġunju 2019, f'liema każ, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija mingħajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fil-każ ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deċiż mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti reġgħet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. Għalkemm sabet li f'dan il-każ seħħet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-deċiżjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu la darba kien hemm restrizzjoni sistematika fil-liġi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' aċċess għall-avukat, u ddeċidiet illi l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-deċiżjoni tagħha:

"*(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*

*(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.*"

F'dak il-każ, meta l-Qorti Ewropea ġiet biex teżamina dawn il-kriterji fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi saħqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi meħudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess każ, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkużat ġie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija mingħajr ma qabel ingħata l-opportunita` li jottjeni parir legali jew li jkollu avukat preżenti u fil-kors tal-investigazzjoni ġudizzjarja li seħħet wara, ma ngħatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma ngħata dan id-dritt f'atti investigattivi oħrajn sussegwenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, mingħajr ma ngħata informazzjoni ċara dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittiv ta' din il-kelma, effettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward ta' akkuża partikolari. Dawn l-stqarrijiet ġew ilkoll ikkunsidrati bħala ammissibbli fil-proċeduri kontra tiegħu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proċeduri u fir-rigward ta' akkuża minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bażi tagħhom huwa nstab ħati.

Fil-każ deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Paul Anthony Caruana vs Avukat Ġenerali et</u>** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma ngħatax id-dritt tal-aċċess għall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tiegħu, u għaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi ġew leżi d-drittjiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluż li tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **<u>Ibrahim and Others v. United Kingdom</u>** deċiż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti għal dan in-nuqqas, ma huwiex biżżejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**<u>Beuze v. Belgium</u>** u għall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq ċitati minn din il-Qorti) li a bażi tagħhom wieħed għandu jeżamina l-proċeduri fl-intier tagħhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

*"20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u miċħud.*

*21. Fil-każ tallum kien hemm raġuni tajba għala l-attur ma tħalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raġuni hi li kien hemm il-ħsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien meħtieġ li l-attur ma jitħalla jikkomunika ma' ħadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*

*...*

*23. L-attur ingħata t-twissija li trid il-liġi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali. ... Ħlief għall-fatt li ma kellux avukat dak il-ħin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veraċità tal-istqarrija.*

*24. Għandu jingħad ukoll illi l-attur ma nżammx aktar milli kien meħtieġ biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien meħlus u seta' liberament ikellem avukat.*

*25. Barra minn hekk, <u>l-istqarrija magħmula lill-pulizija ma kinitx ir-raġuni li wasslet għall-kundanna tal-attur</u>: l-attur instab ħati mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali għax ammetta l-ħtija għal dawk l-akkużi li ma ġewx ritirati. Dan għamlu fil-preżenza tal-avukat wara li ikkonsulta miegħu u quddiem maġistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jeħodha lura.*

*26. Tassew illi l-attur igħid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien ġà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'ċerti ċirkostanzi jkun fattur relevanti, iżda fil-każ tal-lum l-attur seta' jiċħad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta għamilha u għalhekk l-istqarrija ma għamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taħt l-art. 658 tal-Kodiċi Kriminali – seta' saħansitra jirtira l-ammissjoni li għamel quddiem il-qorti – għax il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn ġudikant togat, kienet taf biżżejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet ingħatat qabel, li ma kellhiex toqgħod fuq l-istqarrija weħedha, aktar u aktar jekk tkun ġiet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda oħra li ma tħallix*

*dubju dwar il-ħtija. Bilkemm għalfejn ngħidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tiegħu u fid-dar fejn kien joqgħod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta iżda għax kien jaf bix-xiehda l-oħra kontrieh u biex jieħu l-benefiċċju, li fil-fatt ingħata, taħt l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi [Kap. 101].*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fil-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum, il-Prosekuzzjoni mhijiex tistrieħ għal kollox fuq l-istqarrijiet tal-imputata, għaliex hemm provi u xhieda oħra li abbażi tagħhom, il-Prosekuzzjoni qegħda ssejjes il-każ tagħha. Huwa evidenti illi jeħtieġ li din il-Qorti teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha mhux mill-ottika ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq stante li m'għandhiex kompetenza li tagħmel dan, iżda sempliċiment mil-lat tal-valur probatorju li għandha tingħata l-istess stqarrija, tenut kont madankollu tal-ġurisprudenza fuq indikata. Mis-suespost, il-Qorti jidhrilha illi fil-każ ta' Beuze, sabiex sabet vjolazzjoni tal-jedd tal-akkużat għal smiegħ xieraq, il-Qorti Ewropea fil-valutazzjoni tagħha tal-*overall fairness of the proceedings* straħet ħafna fuq il-fatt illi l-akkużat ma ngħatax aċċess għall-avukat qabel u waqt l-interrogatorji diversi li sarulu, illi fl-istqarrijiet tiegħu għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u illi fir-rigward ta' akkuża partikolari, l-istqarrijiet tiegħu kellhom impatt tali illi wasslu għal sejbien ta' ħtija. Fil-każ ta' Paul Anthony Caruana, imbagħad, fil-waqt illi ma sabitx ksur tad-dritt tal-attur għal smiegħ xieraq, il-Qorti Kostituzzjonali qieset bħala fattur determinanti l-fatt illi huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati mhux fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, iżda a bażi tal-ammissjoni tiegħu fil-proċeduri. Effettivament din il-Qorti tinnota illi dejjem tibqa' kunsiderazzjoni determinanti kemm l-istqarrija rilaxxjata mingħajr il-jedd ta' aċċess għall-avukat, ikollha impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri, jew fi kliem ieħor fuq is-sejbien ta' ħtija tal-persuna akkużata. Fil-każ odjern, għalkemm kif ingħad l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputata mhumiex l-unika prova li nġabet fil-konfront tagħha, u minkejja wkoll illi fl-istess stqarrijiet hija tiċħad li kienet taf bid-droga in kwistjoni, biss fihom hija għamlet dikjarazzjonijiet li l-Qorti tqis illi jinċidu fuq il-kredibilita` tagħha, apparti dikjarazzjonijiet oħrajn li l-Qorti tqishom bħala inkriminanti għalkemm mhux fis-sens ristrett ta' din il-kelma. Għaldaqstant, huwa evidenti illi kemm il-darba l-Qorti tieħu konjizzjoni tagħhom, tali stqarrijiet ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċeduri odjerni.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex tistrieħ fuq l-istqarrijiet tal-imputata u għalhekk qegħda tiskartahom, kif qegħda tiskarta wkoll dik il-parti tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni li tagħmel referenza għal tali stqarrijiet u għad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-imputata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputata qed tiġi akkużata bir-reat ta' traffikar tad-droga eroina.

Jirriżulta ċar mill-provi prodotti illi fil-jum in kwistjoni, Josef Tyler Zammit daħal ġewwa l-*Forensic Unit,* fl-isptar Monte Carmeli bl-intiża li jgħaddi l-kontenut tal-basket li kellu fil-pussess tiegħu lil ċertu Darren Borg, f'liema basket instab flixkun li kien fih id-droga eroina mgeżwra f'saba ta' ingwanta. Jirriżulta daqstant ċar illi kienet l-imputata odjerna li tat l-imsemmi basket lil Zammit u qaltlu biex idaħħlu mhux lill-għarus tagħha ta' dak iż-żmien, Sandro Degabriele, li wkoll kien jinsab ġewwa l-*Forensic Unit* fl-istess sptar, iżda lil Darren Borg. Da parti tagħha, l-imputata mhijiex tikkontesta li kienet proprju hi li għaddiet dan il-basket lil Zammit biex da parti tiegħu huwa jdaħħlu ġewwa l-imsemmi sptar lil Borg u li dan kien intiż proprjament għal Degabriele, iżda tiċħad illi hija kienet taf li fil-basket kien hemm id-droga eroina. Dak li qegħda tikkontesta l-imputata għalhekk huwa l-element formali tar-reat li bih qegħda tiġi akkużata.

Da parti tagħha l-imputata tikkonferma dak li jgħid Zammit u dan fis-sens illi kienet hija li għaddietlu l-basket in kwistjoni u dan wara li Degabriele kien talabha teħodlu xi ħwejjeġ. Tgħid ukoll sabiex issostni t-teżi tagħha illi hija ma kellhiex xjenza dwar id-droga fl-istess basket, illi dan kien ġie ppreparat mill-għarus tagħha qabel daħal ġewwa l-*Forensic Unit*, u dan stante li huwa "*kien dejjem ihalli basket halli jekk jinqala xi haga peress li kien dejjem jghaffeg, kien ikollu l-affarijiet lesti go fih.*" In oltre tgħid ukoll illi l-basket kien jinsab fid-dar fejn hija kienet tgħix mal-istess Degabriele. Tikkonferma wkoll dak li jgħid Zammit illi hija talbitu jdaħħal il-basket mhux lil Degabriele iżda lil Darren Borg, li Zammit jgħid illi ma kienx jafu.

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi huwa tassew inverosimili illi persuna bħal Sandro Degabriele, li kellu dipendenza fuq id-droga eroina fiż-żmien in kwistjoni u kif tgħid l-imputata, diversi skontri mal-ġustizzja, ilesti basket bi ħwejjġu u l-bżonnijiet tiegħu, sabiex jipprepara għall-eventwalita` li jiġi arrestat. Mill-esperjenza li din il-Qorti kisbet fil-qasam tax-xogħol tagħha, tqis illi huwa tassew improbabbli illi persuna dipendenti fuq l-eroina toqgħod tieħu l-ħin sabiex taħseb minn qabel, x'ser tiġi bżonn fil-każ li tiġi arrestata u anke tippreparahom; mhux hekk biss, iżda tipprepara wkoll, b'ċertu attenzjoni, id-droga għal din l-eventwalita`.

Illi fit-tieni lok, tqis ukoll illi dan il-basket ħareġ proprju mid-dar fejn kienet tabita l-imputata, kif jirriżulta kemm mix-xhieda ta' Zammit, kif ukoll mix-xhieda tagħha stess.

Illi fit-tielet lok, tqis ukoll illi għalkemm l-imputata tgħid illi Degabriele kien prekluż milli jirċievi viżiti, ma kien hemm xejn x'jipprekludiha milli tmur hi stess bil-basket li talabha tieħu, la darba l-basket kien dieħel fuq Borg. Fil-fehma tal-Qorti, li l-uffiċjali tal-ħabs kienu jafuha ma' Degabriele jew li Borg kellu għarusa li forsi kienet tiddejjaq jekk tmur bil-ħwejjeġ hi, m'huma xejn għajr skużi da parti tal-imputata għaliex ma xtaqitx tmur hi bil-basket in kwistjoni u dan proprju għaliex kienet taf bid-droga li kien hemm fih. Effettivament kien proprju għalhekk li qabdet lil Zammit sabiex jidħol bil-basket, fil-waqt illi hi qagħdet tistennih barra fil-karozza. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi għalkemm fix-xhieda tagħha tgħid illi ma riditx tidħol hi bil-basket biex ma tqajjimx suspett fl-uffiċjali tal-ħabs, Zammit jgħid iżjed minn darba li lilu qaltlu li ma riditx tmur hi minħabba l-għarusa ta' Borg.

Illi fir-raba' lok, meta l-imputata rat illi Zammit dam u baqa' ma ħariġx lura mill-isptar, qabdet u telqet, skont hi lejn il-Mosta. Ma tat l-ebda raġuni għal dan. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax ma tqisx illi wara li Zammit kien għamlilha pjaċir, wassalha l-isptar u daħal hu stess bil-basket in kwistjoni, kif talbitu jagħmel, l-imputata ħallietu hemm u telqet, mhux bil-vettura tagħha, iżda addirittura bil-vettura ta' omm Zammit. Li kieku l-imputata verament kellha moħħha mistrieħ illi fil-basket ma kien hemm xejn ħlief ħwejjeġ, wieħed kien jippretendi li hekk kif rat li Zammit kien qed idum biex joħroġ mill-isptar, hija kienet tidħol biex tistaqsi x'kien sar minnu u mhux tħallih hemm u titlaq mingħajru bil-vettura ta' ommu. Irid jingħad ukoll illi fix-xhieda tiegħu, l-Ispettur Spiteri jgħid illi hekk kif il-pulizija daħlu l-isptar, proprju in konnessjoni ma' din l-investigazzjoni, huma lemħu lill-imputata ħierġa 'l barra. Il-pulizija in kwistjoni ma xehdux dwar dan il-punt u għalhekk dan jibqa' biss *detto del detto* li jagħmel prova biss li dan il-kliem intqal, iżda mhux tal-veraċita` tiegħu. Madankollu, tali kliem magħdud mal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti iżjed 'il fuq, ikompli jservi ta' korroborazzjoni għall-konklużjoni tal-Qorti illi l-imputata kienet ben konxja tal-fatt illi fil-basket in kwistjoni kien hemm id-droga eroina, u li kienet hi stess li poġġiet il-flixkun in kwistjoni bid-droga fl-istess basket.

Illi fil-ħames lok irid jingħad ukoll illi għalkemm Degabriele kien tassew retiċenti fix-xhieda tiegħu, huwa jikkonferma li dak iż-żmien, huwa kien fil-*Forensic Unit* flimkien ma' Darren Borg u li lil Borg kien jafu.

Illi fl-aħħarnett, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputata kienet ukoll fil-vizzju tad-droga u għalhekk kienet midħla sew tad-droga.

Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li tissottometti d-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha, huwa ben evidenti għal din il-Qorti illi l-elementi kollha tar-reat ta' traffikar ta' droga jirriżultaw fil-grad rikjest mil-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kelma 'jittraffika' b'referenza għal traffikar f'mediċina, tinkudi kemm il-provvista, kif ukoll li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed mill-atti msemmija fl-istess sub-artikolu. Dan ifisser illi kemm il-provvista tal-mediċina perikoluża, f'dan il-każ l-eroina, kif ukoll li wieħed joffri li jipprovdi tali mediċina, jagħtu lok għar-reat ikkunsmat ta' traffikar ta' tali mediċina perikoluża. Fil-każ odjern, m'hemmx dubju illi l-imputata odjerna provdiet id-droga lil Zammit, minkejja li dan ma kienx konxju ta' dan il-fatt, sabiex huwa jgħaddiha lil Borg, li kien jinsab detenut fl-istess sala ma' Degabriele ossia l-għarus tal-imputata. Fil-fehma tal-Qorti, sa hawn diġa` jirriżulta r-reat ta' traffikar tad-droga eroina.

In oltre huwa evidenti wkoll illi in kwantu Degabriele, l-imputata offriet li tfornih bid-droga eroina. Għalkemm mhux ċar jekk kinitx hi minn jeddha li offriet li tforni d-droga lil Degabriele, jew jekk kienx Degabriele li talabha li tfornih bid-droga, għalkemm fid-dawl tal-fatt illi kien Degabriele li qalilha dak li kellha tagħmel sabiex il-basket jasal għandu, x'aktarx li kien hu wkoll li talabha għad-droga, jirriżulta illi mill-azzjonijiet tagħha hija għamlet proprju dan. Fil-fatt lestiet il-basket bid-droga, għaddietu lil Zammit u nkarigatu sabiex idaħħal il-basket ġewwa l-isptar, b'tali mod li dan jasal għand Degabriele.

Dwar l-offerta` li wieħed jipprovdi d-droga, ingħad hekk fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tat-12 ta' Ottubru 2001, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Psaila**, liema sentenza ġiet ikkonfermatha mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001) u dan b'referenza għall-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta:

"*Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna toffri li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija tradotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament, persuna turi, bilfatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11th Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "Offering to Supply" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "An offer may be made by words or conduct ... Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply" (vide kazistika indikata – pg. 776).*"

Fil-każ odjern, a bazi tas-suespost, jirriżulta ċar illi mhux talli l-imputata wriet bil-fatti d-disponibilita` tagħha illi tforni d-droga u għalhekk offriet li tipprovdi d-droga fit-termini tal-liġi – u sa hawn diġa` saret ħatja ta' traffikar tad-droga eroina - iżda in oltre appena hija għaddiet lil Zammit il-basket bid-droga, independentement mill-fatt jekk irnexxilhiex o meno twassal l-istess droga lil Degabriele, hija saret ħatja ta' traffikar tad-droga eroina.

Għaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi. Dan biss in kwantu l-21 ta' Ottubru 2010, stante illi ma tirriżulta l-ebda provi fl-atti li turi illi l-imputata hija ħatja ta' traffikar ta' droga eroina matul il-ġimgħat ta' qabel din id-data, skont l-imputazzjoni odjerna.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbagħad, l-imputata tinsab akkużata wkoll talli daħħlet jew ippruvat iddaħħal oġġett projbit f'xi parti tal-konfini tal-ħabs.

Ai termini tal-Iskeda fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 260.02, il-*Forensic Ward* fl-Isptar Monte Carmeli huwa dikjarat li huwa ħabs għal fini tal-Att dwar il-Ħabs (Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta). Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kif ukoll tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti iżjed il'fuq, m'hemmx dubju illi din l-imputazzjoni wkoll tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in kunsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali aġġornata tal-imputata, mil-liema jirriżulta illi hija nstabet ħatja *inter alia* ta' varji reati kontravvenzjonali, tar-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ħsara volontarja u li miż-żmien tal-każ odjern, il-fedina penali baqgħet li kienet.

Tqis ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet li tagħhom qed tinstab ħatja l-istess imputata, iċ-ċirkostanzi tal-każ, illi t-traffikar kien dirett lejn persuna li kienet tinsab fil-*Forensic Ward* ġewwa l-Isptar Monte Carmeli, liema fatt jirrendi r-reat iżjed gravi, kif ukoll min-naħa l-oħra, l-ammont ta' droga in kwistjoni.

Qieset ukoll illi minn dakinhar, jidher illi l-imputata għamlet sforz sabiex tirriforma ruħha u illi għamlet progress fil-ġlieda tagħha kontra l-vizzju tad-droga.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta'

Malta u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u tikkundannaha għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva u multa ta' disa' mija u ħamsin ewro (€950) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħatja tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, ossia l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, erbgħa u ħamsin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€154.76) u l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 404 Paul Camilleri, *Scene of the Crime Photographer*, ammontanti għas-somma ta' tmienja u erbgħin ewro u disgħa u disgħin ċentezmu (€48.99), b'kollox ammontanti għas-somma ta' mitejn u tliet ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€203.75). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien sitt xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat